**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-vs-**

**Carmel Dimech, detentur ta' Karta tal-Identità Nru 97059M**

***Kump. Nru. 191/2017***

Illum 23 ta' Jannar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Dimech talli:

Fit-22 ta' Jannar 2017 u fis-snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

1. Xjentament laqa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa u cioe *hydraulic breaker bis-serial number* 07816045, li l-valur tiegħu jeċċedi l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) meħudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħ jew imexxih;
2. Irrenda ruħu riċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni ferm bikrija tieghu, il-fedina penali xejn felici tieghu u tac-cirkostanzi tal-kaz fosthom li r-*res furtiva* tinsab fil-pussess tal-pulizija.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 31, 49, 50, 279(b) u 334(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre` qed jigi ordnat li r-*res furtiva* tinghata lura lis-sid legittimu.
Finalment il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**